Fit-Tribunal Industrijali

Kaz Nru 1607/JB
Fil-Kwistjoni tax-xoghol bejn
Peter Buttigieg

u

Mediterranean Film Studios Limited
dwar tkeccija allegatament li hija ngusta
Decizjoni nru 1541

Illum, 24 ta' Settembru, 2004.

**Chairman- Dr Jos P. Bonnici LL.D**

**Introduzzjoni**

Illi b' ittra datata 15 ta' Jannar 2002, l-appellant talab lil On Ministru tal-Politika Socjali sabiex jirreferi l-kaz tat-tkeccija tieghu lil dan it-Tribunal ai termini tal-Kap 266, liema riferenza saret fit-18 ta' Jannar 2002.

**Dikjarazzjonijiet tal-Kaz**

Illi l-appellant kien ilu jahdem mas-socjeta' intimata ghal aktar minn hmistax il-sena (15). Kien jaghmilha ta' watchman/security guard. Ftit taz-zmien wara induna li xogholu kien jaghmlu haddiehor.

Da parti taghha, is-socjeta' intimata allegat li l-impjieg tieghu kien gie terminat minhabba ragunijiet ta' 'redundancy' u r-strutturazzjoni.

**Fatti**

Illi jidher li s-socjeta' intimata kienet ghaddejja minn mumenti finanzjarji koroli u kellha tiehu passi remedjali. Fost dawn kien it-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellant. Oltre minn hekk, imbarkaw fuq progett ta' ri-strutturazzjoni tal-istess azjenda.

**Konsiderazzjonijiet**

Illi rrizulta matul il-gbir tal-provi li ftit taz-zmien wara li tkecca, l-istess kumpanija harget sejha ghall-applikazzjonijiet ghal post ta' 'night security', liema xoghol kien kompatibbli ma dak li kien jaghmel antecedentement l-istess appellant. Vide f' dan is-sens ix- xhieda ta' Alfred Caruana, Mark Caruana, Lino Baldacchino u Joseph Calleja. Gew maghzula persuni li gja kienu qed jahdmu fil-post fi grad differenti. Dawn in-nies- Joseph Sciberras kien mastrudaxxa u Mario Meilaq- plasterer kienu gew ingaggjati ferm wara l-odjern appellant. Inoltre, bdiet tissellef impjegati ta' socjeta' assocjata- Rinella Entertainment Co Ltd. u biex jaghmlu xoghol li kien isir minnhom qabel.

Illi t-tribunal kellu jinvestigaw mhux biss dak li wassal ghat-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellant odjern, izda ukoll l-modus operandi tal-istess socjeta' intimata wara t-tkeccija tieghu. Huwa precizament f' dan il- punctorum temporis li l-appellant qed jillamenta.

Illi s-socjeta' intimata ghamlet hafna enfasi fuq il-fatt li qabel ma pprocediet ghat-terminazzjoni, ikkonsultat ruhha u suppost kellha l-approvazzjoni sia tal- ghaqda sindakali li taghha l-appellant kien membru, u sia tad-Direttur tax-Xoghol li suppost l-istess socjeta' intimata gabet il-barka tieghu. Pero' dawn ma

gewx prodotti bhala xhieda biex jikkonfermaw dan kollu. Datium non concesso, li ghandhu jigi ezaminat huwa x' gara wara sabiex it-Tribunal jasal ghal konkluzjonijiet tieghu.

Illi onus probandi incumbit ei qui dicit, non ei qui negat. Illi s-socjeta' intimata allegat illi l-post okkupat mill-appellant kien gie 'redundant'. Meta pero'? Ix-xoghol tieghu baqa isir minn shabu stess li gew maghzula wara sejha ghal applikazzjonijiet. Jirrizulta ukoll li dawn gew impjegati wara l-appellant.

Illi saret enfasi illi kienu gew rikjesti doveri godda mill-okkupant il-gdid tal-post precedentement okkupat mill-appellant. Hekk xehed Mark Caruana, General Manager. Pero' il-persuni li gew addetti ghax-xoghol xehdu li kienu jaghmlu l-istess xoghol bhal ta' qabilhom. Jekk l-appellant irrizulta li kien zejjed u terminat l-impjieg tieghu, hekk ghandhu jerga jissejjah ghax-xoghol fi zmien sena minn meta l-istess xoghol kien rega disponibbli. Dana ai termini tal-Art tal-Kap 266. Mhux hekk biss. Fil-grad tieghu, kellu jigi applikat il-principju 'last in first out'! Is-socjeta' intimata x' ghamlet? Kecciet il-watchmen kollha bl-iskuza ta' 'redundancy' u dawret nies l-ohra f' dak ix-xoghol. Taparsi abolit il-grad- pero' l-istess xoghol baqa necessarju u baqa issir. Allura dina kienet kollha messa in scena!

Illi s-socjeta' intimata, minhabba kwistjonijiet finanzjarji, kellha taghmel ezercizzi ta' ristrutturar. Illi jigi rilevat li dana l-ligi tippermettieh, izda dejjem skond ir-regoli mposti mill-ligi stess. Id-drittijiet tal-haddiema ma jistghux jigu kalpestati a diskrezzjoni tal-istess principal. Lanqas ma jista jigi permess li l-ligi tigi manumessa a skapitu tal-istess haddiema. Kien ikun aktar facili li jintlahaq ftehim bonarju mal-istess appellant milli tigi adoperata l-procedura segwita mis-socjeta' intimata li wasslet ghall-odjerni proceduri. Il-principal ma jistax jistahba

wara l-libsa tal-ligi biex jittermina impjieg pero ma jsegwix l-istess ligi ghal skopijiet ulterjuri tieghu.

**Kumpens**

Illi relattivament ghar-rimedju mitlub mill-appellant huwa 'ab initio' talab li jinghata kumpens xieraq minflok li jerga jidhol ghax-xoghol. Tenut kont l-eta tal-appellant, iz-zmien li dan ghamel impjegat mas-socjeta' attrici, il-kwalifiki u kapacitajiet tieghu, id-diffikolta li jsib xoghol alternattiv u/ jew li jinghata tahrig sabiex jigi sabiex jigi facilitat lilu li jsib impjieg gdid, it-Tribunal jiffissa l-ammont ta' kumpens pagabbli fis-somma ta' elfejn Lira (Lm2000).

**Konkluzjoni**

Illi t-Tribunal jiddeciedi illi t-terminazzjoni tal-impjieg ma saritx ghal raguni giusta, u jikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lill-appellant is-somma ta' elfejn Lira (Lm2000) bhala kumpens. B' hekk din il-kwistjoni giet definittivament terminata. Ghal fini ta' tassazzjoni ta' drittijiet qed jigi ffissat l-ammont ta' hamsa u ghoxrin Lira (Lm25).

**DR. JOSEPH P. BONNICI** LL.D
Chairman